MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Avviz Numru. 1224/1997/1

**Chas Limited**

**Vs**

**Robert Chetcuti**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' mija tlieta u disghin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm193.95) mill-konvenut dovut bhala prezz ta' xoghol fuq il-vettura tat-tip Metro G-6443, maghmul fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax u bir-rizerva ta' kull dritt fil-Ligi.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 5 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata stante li l-ammont dovut huwa inferjuri ghal dak pretiz fl-avviz, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi l-eccipjent huwa kreditur tas-socjeta' attrici u ghalhekk jirriserva d-dritt li jipprevalixxi ruhhu mill-azzjoni odjerna sabiex jaghmel il-kontro talba tieghu jekk ikun il-kaz.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi f'dan il-kaz jkun opportun li jsiru xi konsiderazzjonijiet:-

a) Kif jidher mill-verbali tas-seduti li nzammu, s-socjeta' attrici ppresentat u ssottometiet, biss, <u>farka ta' prova</u> u dan fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2002 (ara fol 27 tal-atti). Difatti, fir-rimanenti seduti, ma ngiebet ebda prova u dan il-Qorti, sahansitra kienet iddiferriet din il-kaza 'sine die' (fol 10 tal-atti) kif ukoll wissiet lis-socjeta' attrici li l-istess kawza ser tigi kancellata.
b) L-unika prova prodotta kienet ix-xhud <u>Anna Bonnici</u> (fol 28 ibid) bhala direttur tas-socjeta attrici. Din kienet xehdet li l-konvenut kien impjegat mas-socjeta attrici. L-istess konvenut kien inkarigaha sabiex jsiru xogholijiet ta' riparazzjoni fil-karozza tieghu numru G-6443. Dwar dan ix-xoghol, ma kien hemm ebda ftehim fuq il-prezz u lanqas ma kienet saret xi stima. Wara li l-istess xogholijiet gew terminati l-konvenut ma kienx hallas kif ukoll jidher li ttermina l-impjieg tieghu mas-socjeta attrici. In rigward il-prezz, ix-xhud kienet obligat ruhha li tesebixxi d-dokumenti relattivi. Pero, kemm fis-seduta ta' wara kemm f'dawk sussegwenti, dawn id-dokumenti ma gewx esebiti minnha u x-xhud qatt ma dehret aktar quddiem din il-Qorti.
c) Hu minnu li fl-eccezzjonijiet sottomessi minnu, l-konvenut semma illi "….. l-ammont dovut huwa inferjuri ghal dak pretiz fl-avviz waqt li kompla jghid illi, ghal xi

raguni injota hu kien, filfatt, kreditur tas-socjeta attrici. Dwar dan il-punt, pero, l-Qorti tissottolinea il-fatt illi, oltre sebgha snin wara l-presentata tal-istess avviz, ma ingiebux a konjizzjoni tal-Qorti, d-dokumenti msemmija fix-xhieda ta' Anna Bonnici u dan sabiex issostni dak li xehdet u dak pretiz fl-avviz in esami. Minhabba dan il-fatt, il-Qorti, f'dan l-istadju, ghandha fis-sitwazzjoni li ma tistax tghid jekk l-ammont in esami hux dovut 'in toto' jew le minhabba insufficjenza fil-provi prodotti da parti tas-socjeta attrici, li fuqha tinkombi l-oneri li tipprova dak allegat fl-istess avviz.

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl ta' dak kollu premess it-talba attrici ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba attrici waqt li kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------